

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Atlas Ġudizzjarju Ewropew Dwar Kwistjonijiet Ċivili](#) > [Notifika Ta' Dokumenti \(riformulazzjoni\)](#) > Hungary

## Notifika ta' dokumenti (riformulazzjoni)

Ungerija

Ungerija

### SIB QRATI/AWTORITAJIET KOMPETENTI

L-għodda ta' tiftix hawn taħt se tgħinek tidentifika qorti/qrati jew awtorità(jiet) kompetenti għal strument legali Ewropew speċifiku. Jekk jogħġbok innota li għalkemm sar kull sforz biex tiġi aċċertata l-preċiżjoni tar-riżultati, jista' jkun hemm xi każijiet eċċezzjonali li jikkonċernaw id-determinazzjoni ta' kompetenza li mhumiex neċessarjament koperti.

### L-Artikolu 3(1) – Aġenziji mittenti

Fil-każ ta' dokumenti ġudizzjarji, l-aġenzija trażmettitriċi hija l-qorti li fil-proċedimenti tagħha jkun ġie ġġenerat id-dokument għan-notifika; fil-każ ta' dokumenti ġġenerati fi proċedura notarili, l-aġenzija trażmettitriċi hija n-nutar li fil-proċedura tiegħu jkun ġie ġġenerat id-dokument; fil-każ ta' dokumenti ekstraġudizzjarji oħrajn, l-aġenzija trażmettitriċi hija l-Ministru għall-Ġustizzja.

### L-Artikolu 3(2) – Aġenziji riċeventi

L-aġenzija riċevitriċi hija l-qorti distrettwali b'għurizdizzjoni skont l-indirizz tad-destinatarju kif indikat fit-talba għall-assistenza legali (f'Budapest, il-Qorti Distrettwali Ċentrali ta' Pest) u l-Assoċjazzjoni Ungeriża tal-Uffiċjali Ġudizzjarji tal-Qrati.

### L-Artikolu 3(4)(c) – Mezzi biex jirċievu d-dokumenti

L-aġenziji riċevituri jaċċettaw dokumenti li jiġu nnotifikati bil-posta, bil-faks jew elettronikament.

### L-Artikolu 3(4)(d) – Lingwi li jistgħu jintużaw għall-mili tal-formola standard li tinsab fl-Anness I

L-Ungeriż, l-Ingliż, il-Ġermaniż u l-Franċiż huma aċċettati.

### L-Artikolu 4 – Korp ċentrali

Fl-Ungerija, il-kompiti tal-korp ċentrali jitwettqu mill-Ministru għall-Ġustizzja:

Il-Ministeru tal-Ġustizzja

Id-Dipartiment tad-Dritt Internazzjonali Privat

Indirizz: Nádor utca 22, 1051 Budapest

Indirizz postali: Pf. 2., 1357 Budapest

Tel.: +36 1 795 5397, +36 1 795 4147

Indirizz tal-posta elettronika: [nmfo@im.gov.hu](mailto:nmfo@im.gov.hu).

### L-Artikolu 7 – Assistenza f'inkjesti dwar indirizzi

L-assistenza msemmija fl-Artikolu 7(1)(a) hija pprovduta mill-Ministru għall-Ġustizzja:

Il-Ministeru tal-Ġustizzja

Id-Dipartiment tad-Dritt Internazzjonali Privat

Indirizz: Nádor utca 22, 1051 Budapest

Indirizz postali: Pf. 2., 1357 Budapest

Tel.: +36 1 795 5397, 1 795 3188

Faks: +36 1 550 3946

Indirizz tal-posta elettronika: [nmfo@im.gov.hu](mailto:nmfo@im.gov.hu).

L-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 7(1)(c) hija disponibbli fuq il-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika (Notifika ta' dokumenti: trażmissjoni uffiċjali ta' dokumenti legali) skont l-Artikolu 4.2.

### L-Artikolu 8 – Trażmissjoni tad-dokumenti

L-Ungeriż, l-Ingliż, il-Ġermaniż u l-Franċiż huma aċċettati.

### L-Artikolu 12 – Meta d-destinatarju jirrifjuta li jaċċetta dokument

L-Ungerija ma ħejjietx trażduzzjoni tal-Formola L fl-Anness I f'lingwa ta' xi pajjiż terz.

### L-Artikolu 13 – Data tan-notifika

Il-liġi Ungeriża ma tispesifikax xi data speċifikata sa meta jrid jiġi nnotifikat id-dokument.

### L-Artikolu 14 – Ċertifikat tan-notifika u kopja tad-dokument notifikat

L-Ungeriż, l-Ingliż, il-Ġermaniż u l-Franċiż huma aċċettati.

### L-Artikolu 15 – Spejjeż tan-notifika

In-notifika ta' dokumenti mill-qorti hija mingħajr ħlas.

It-tariffa għan-notifika mill-uffiċjal ġudizzjarju hija ta' HUF 7 500, li trid tiġi ttrasferita minn qabel fin-numru tal-kont li ġej, u r-rikors irid ikun akkumpanjat minn dokument ta' sostenn tat-trasferiment:

Detentur tal-kont: The Hungarian Association of Court Bailiffs

Bank tal-kont: Budapest Bank Nyrt.

Kodiċi SWIFT (BIC): BUDAHUHB

IBAN: HU46 10103173-09701100-02004000

Jekk jogħġbok ikteb fil-kamp tal-messaġġ: *KU2* - in-numru ta' referenza tat-talba, isem id-destinatarju.

### L-Artikolu 17 – Notifika minn aġenti diplomatiċi jew uffiċjali konsulari

Il-metodu ta' notifika skont l-Artikolu 17 ikun applikabbli biss fl-Ungerija jekk id-destinatarju jkun ċittadin tal-Istat Membru trażmettitur.

### L-Artikolu 19 – Servizz elettroniku

L-Ungerija ma tistabbilixxi xi kundizzjoni addizzjonali.

### L-Artikolu 20 – Notifika diretta

Fl-Ungerija, il-metodu ta' notifika skont l-Artikolu 20 jista' jiġi applikat f'konformità mal-leġislazzjoni dwar in-notifika mill-uffiċjal ġudizzjarju.

## L-Artikolu 22 – Meta l-konvenut ma jidhirx għall-proċedimenti

Il-qrati Ungeriżi jistgħu jagħtu sentenza f'ċerti każijiet, dment li jkunu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fl-Artikolu 22(2).

Fl-Ungerija, it-terminu skont l-Artikolu 22(4) għall-preżentata ta' rikors għal ħelsien huwa ta' sena (1).

## L-Artikolu 29 – Relazzjoni ma' ftehimiet jew arranġamenti bejn l-Istati Membri

L-Ungerija ma għandha l-ebda ftehim bħal dan ma' Stat Membru ieħor.

## L-Artikolu 33(2) – Notifika dwar l-użu bikri tas-sistema tal-IT deċentralizzata

Mhux applikabbli.

■ L-aħħar aġġornament: 17/12/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.